MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 14/2015

**Joseph Vella**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Spiteri tas-6 ta' April 2015 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-12 ta' Marzu 2015 li annullat decizjoni tal-Awtorita tas-26 ta' Frar 2013 billi ittiehdet meta kien hemm mandat ta' inibizzjoni in vigore fl-ismijiet Joseph Vella et vs Awtorita ta' Malta mahrug fil-25 ta' Frar 2013;

Rat ir-risposti tal-oggezzjonant Joseph Vella u l-Awtorita li fil-mertu talbu lil l-appell jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal tigi konfermata. Rat li pero l-Awtorita ghamlet eccezzjoni preliminari li l-appell sar fuori termine;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

> Din hija decizjoni fir-rigward ta' aggravju li tqajjem mill-Appellanti fis-sens li l-Awtorita' ma kellhiex tiddeciedi l-applikazzjoni odjerna fis-26 ta' Frar 2013 stante li f'dak il-perjodu kien in vigore mandat ta' inibizzjoni 7/13 JD Joseph Vella et vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u L-Ippjanar.
>
> Mill-Atti rrizulta li l-Awtorita' kienet giet notifikata b'dan il-Mandat fil-25 ta' Frar 2013 (fol 17 tal-Process tal-Mandat).
>
> Fis-seduta mizmuma minn dan it-Tribunal fis-27 ta' Novembru 2014 r-rappresentant tal-Awtorita' kkonferma li bi zvista l-EPC meta tat id-decizjoni taghha li tidher fil-minuta 170 fil-file mertu ta' dan l-appell ma setghetx tiddeciedi.
>
> Ghalhekk limitatament ghal dan l-Aggravju l-Appellanti ghandu ragun u konsegwentement it-Tribunal jannulla d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' fl-Applikazzjoni odjerna mertu ta' dan l-Appell u tirrimanda l-Atti lura lill-EPC sabiex l-Applikazzjoni terga tigi deciza mill-gdid.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal mhux il-forum biex jiddeciedi dwar procedura regolata mill-Kapitolu 12 izda din hi kwistjoni gudizjarja. Jekk gie kommess disprezz bid-decizjoni tal-Awtorita, dan hu dak li

kellu jigi attakkat. B'dankollu l-mandat gie revokat b'decizjoni tal-20 ta' Marzu 2013 u l-effetti tieghu gew annulati;

2. L-applikant sofra pregudizzju meta l-Awtorita ma avzatx lil EPC rigward il-mandat qabel ittiehdet id-decizjoni. F'dan il-kaz hu l-applikant li qed jigi mgieghel jirrispondi ghan-nuqqas tal-Awtorita.

**Eccezzjoni preliminari tal-fuori termine**

Din l-eccezzjoni hi infondata. Id-decizjoni tat-Tribunal inghatat fit-12 ta' Marzu 2015. L-appell kellu jsir entro ghoxrin jum mid-decizjoni (art. 41(6) tal-Kap. 504) li jfisser li t-terminu tal-appell kien jaghlaq fl-1 ta' April 2015. Din il-gurnata bhat 2 u 3 ta' April ir-Registru tal-Qorti kien maghluq skond il-ligi minhabba l-Ghid u japplika ghalhekk l-artikolu 108 tal-Kap. 12 li t-terminu legali jaghlaq fl-ewwel gurnata li fih ir-Registru jerga' jkun miftuh li din is-sena habat is-6 ta' April 2015 cioe l-ghada tal-Ghid. Billi l-appell gie prezentat fis-6 ta' April 2015 ma hemm ebda nuqqas u l-appell sar entro z-zmien.

**It-tieni aggravju**

Il-Qorti ser tiddetermina dan l-aggravju billi hu infondat in kwantu ma hux ilment bazat fuq punt ta' ligi deciz mit-Tribunal. Il-lanjanza tal-appellant hi fis-sens illi hu qed isofri danni ingusti htija tal-Awtorita li ma gharfitx li kontriha kien hemm mandat ta' inibizzjoni meta ittiehdet id-decizjoni ghalkemm l-Awtorita kienet debitament notifikata lejliet id-decizjoni. Din hi kwistjoni purament ta' natura civili li tmur lil hinn minn kull poter tat-Tribunal. Din il-lanjanza, jekk ghandha issir, trid tittiehed quddiem il-forum appozitu kontra l-Awtorita infisha li ghandu l-jedd jiddetermina tali vertenzi u mhux din il-Qorti li l-obbligu taghha hu li tiddetermina l-operat tat-Tribunal fuq punti ta' ligi decizi minnu. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud fil-kuntest biss ta' ammissibilita ta' tali lanjanza quddiem din il-Qorti.

**L-ewwel aggravju**

Din il-Qorti tqis illi t-Tribunal gie rinfaccjat b'punt ta' ligi quddiemu cioe jekk id-decizjoni tal-EPC li hi l-executive arm tal-Awtorita setghetx tittiehed meta kien hemm divjet tal-Qorti li dan isir. Il-Qorti ma tarax kif tista' targumenta kif qed jargumenta l-appellant li din hi kwistjoni ta' disprezz ta' ordni tal-Qorti li semmai kellha tigi trattata quddiem il-Qorti appozita. It-Tribunal hu organu quasi gudizjarju u ordni tal-Qorti qeda hemm biex tigi osservata. Kien ikun ferm perikoluz li kieku t-Tribunal iddecieda li l-Awtorita setghet tibqa' tipprocessa applikazzjoni qeghda f'liema stadju qeghda, jekk il-Qorti ipprojbiet, anki provvizorjamet, kif kien dan il-kaz, kull decizjoni ulterjuri tal-Awtortita. Dak li iddecieda t-Tribunal mhux kwistjoni ta' disprezz izda osservanza tal-ligi biex il-partijiet ma jistghux ighidu li sar kontrihom xi pregudizzju jew ma inghatawx smigh xieraq fl-osservanza tal-ligi u ordnijiet tal-Qorti li jorbtu lil kulhadd inkluz l-Awtorita. Ir-revoka sussegwenti tal-mandat wara d-decizjoni tal-EPC ma hi ta' ebda solliev ghall-appellant ghax dak li sehh fil-mument tad-decizjoni tal-EPC cioe fis-26 ta' Frar 2013 kien ghal kollox irergolari u illegali ghax imur kontra ordni espressa tal-Qorti li t-Tribunal b'mod car wera li kellu jigi osservat taht il-piena tar-revoka ta' dak kollu deciz kontra l-ligi u ordni espressa tal-Qorti.

It-Tribunal ma arrogax ghalih poteri taht il-Kap. 12 jew iddecieda proceduri taht il-Kap. 12 izda qies il-konsegwenzi logici u legali li jinsorgu minn ordni tal-Qorti li rabtet lil Awtorita, liema ordni, l-Awtorita bi svista o meno injorat. Din id-decizjoni tat-Tribunal hi ghal kollox korretta fil-fehma tal-Qorti u tirrispekkja l-fondament tar-rule of law.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-Awtorita li l-appell sar fuori termine u fl-istess waqt tichad l-appell ta' Joseph Spiteri u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-12 ta' Marzu 2015, bl-ispejjez kontra l-appellant.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------